**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 30 ta' Jannar, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**-vs-**

**Joseph Bartolo, detentur tal-Karta ta' l-Identita Nru 498650M**

*Kumpilazzjoni Nru.511/2015*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Bartolo u ċioè talli:

B'diversi atti magħmulin b'riżoluzzjoni waħda f'diversi dati, ħinijiet ġewwa Xuereb Stables, Sqaq l-Istalel, Marsa, matul il-perjodu ta' bejn il-11 ta' Lulju, 2014 u s-snin jew xhur ta' qabel din id-data u f'ħinijiet differenti u b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa l-fond sitwit Xuereb Stables, Sqaq l-Istalel, Marsa:

1. B'mezzi qarrieqa li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl, tal-kwantità meħuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmi hu kkomemtta serq ta' dawl elettriku ikkwalifikat bil-ħin, mezz, lok, kif ukoll bil-valur li huwa ta' tliet elef u

ħamsa u tletin euro u sitta u ħamsin ċenteżmu tal-Euro (€3,035.56) għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta;

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanza volontarjament għamel ħsara fil-makkinarju jew fil-gumni tal-elettriku jew ikkaġuna t-telf tal-kurrent elettriku;

3. Sar reċidiv taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tas-6 ta' Gunju, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

(i) Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kodiċi Kriminali;
(ii) Fl-artikoli 18, 261(f), 261(b), 261(c), 263, 264, 267, 270, 278(3), 279(b), 280(2) u 281 (c) tal-Kodiċi Kriminali;
(iii) Fl-artikoli 18 u 326 (1)(c) tal-Kodiċi Kriminali; u
(iv) Fl-artikoli 49 u 50 (1)(c) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:
Illi l-**Ispettur Sarah Magri** xehdet li kienet mitluba tinvestiga kaz fejn wara spezzjoni minn ufficjali tal-Enemalta rrizulta li gewwa Xuereb Stables kien hemm *wire* tad-dawl imqabbad mal-*main*. Interrogat[2] l-imputat kien cahad li kien ghamel xi tbghabis u spjega li hu kellhu remissa fejn kien hemm *meter* tad-dawl u remissa ohra li kienet tintuza bhala store. Qal li hu kien ha extension mill-arlogg ta' l-ewwel remissa, li kien registrat fuqu, li kienet distanti xi 40 metru.[3] Mistoqsi kif kien qed jiehu dawl minn fuq dawl tal-Gvern minghajr arlogg, Bartolo sahaq li hu kien kera r-remissa u l-kerrej kien applika izda ma nghatax arlogg tad-dawl. Skond hu ma kienx ghaddej elettriku ghal gor-remissa in kwistjoni

[1] Fol.78
[2] Stqarrija a fol 14 -15
[3] Fol.14

ghalkemm irrikonoxxa li l-Enemalta kkonstat il-kuntrarju; madanakollu cahad li kien jaf li kien ghaddej dawl tant li ma kellhu xejn mqabbad ma dan il-kurrent *"Minn dak it-tip ta' dawl mintix ha tqabbad xi plagga jew tixghel switch".*[4]

Illi **Robert Busutill**, Senior Distribution Tradesman mal-Enemalta, spjega kif waqt spezzjoni gewwa Xuereb Stables instab *"supply mqabbad ma' service box minghajr meter tad-dawl go din l-istalla, ghalhekk il-konsum uzat minn fuq dak is-servizz ma kienx qed jigi registrat mill-meter ghax ma kienx hemm meter".*[5] Ix-xhud iddeskriva fuq ritratti dak li kkonstata fir-rapport redatt inter alia minnu[6] *"Dok RB1 hemm service box minghajr meter u maghha hemm is-supply li huma dawk iz-zewg PVC cables 2x10 u l-hrug taghhom fir-ritratt jidhru wire ahmar iehor iswed, u iehor ahmar u iehor iswed fejn dawk huma qed jifeedjaw lil istallation. ..... Service box hija l-parti fejn normalment jidhol is-service cable tal-Enemalta.*[7] *.... RB6 hemm* ***il-connection li kien hemm mall-overhead lines fejn jidher l-arblu tal-Enemalta*** *u s-service cable mqabbad bil-line ups mall-linji."*[8] In kontro-ezami kkonferma li household utilities ma kienx hemm u li l-imputat kien prezenti ghall-ispezzjoni.

Kompla jixhed in kontro-ezami fejn ssokta jaghti dettalji dwar il-connection illegali li sabu fil-fond tal-imputat: *"sibna wajer ma service box li kien energized imqabbad mal-linja fuq barra, kien hiereg PVC service cable sejjer ghal mal-overhead lines u kien energized....* ***kien fih il-kurrent.... Sas-service box kien hemm il-kurrent...Il-fuses iva. Fihom il-kurrent...ma kienx hemm meter."***[9] Busuttil jixhed *"Ahna li rajna li kellhom il-kurrent dak inhar kienu hames tubi u apparat iehor li kien gol-istallel kienet magna tac-cana.... Dak inhar kienu kkonnetjati fl-istallation. Ma niftakarx xeghlnihomx jew le. Ma niftakarx."*[10] Jerga' jkun kategoriku *"Kien energized. Kien hemm live. Il-live kien hemm ezatt. Gos-service box kien hemm it-tliet phases iva. .... Kienu energized. Fil-fatt tant kienu energized, li dak il-hin stess gibna team li ghandhom it-tower ladder sabiex inehhu l-kurrent u niskonnetjaw u gbarna l-evidenza."*[11] Dwar il-connection mar-remissa l-ohra li anke tissemma' mill-

[4] Fol.15
[5] Fol.37
[6] Fol.34
[7] Fol.39
[8] Fol.39
[9] Fol.80
[10] Fol.81
[11] Fol.82

imputat fl-istqarrija tieghu jghid li sab li kollox kien regolari u ghalhekk ma ttiehdet l-ebda azzjoni dwar dan *"In-naha l-ohra kien regolari bhala meter pero' l-extension ma nafux x'kien qed jissupplixxi. Fil-fatt il-load tan-naha l-ohra lanqas dahhalnieh ahna xejn. Ma semmejna xejn bhala load. Installed load."*[12]

Xehed ukoll **Joseph Giuliano**, team leader mal-Enemalta, li ukoll kien prezenti waqt l-ispezzjoni li rizultat taghha *"sibna xi servizzi tal-Enemalta kien hemm zewg wires tal-Enemalta hajjin imqabbdin mas-sistema taghna. X'hin dhalna sibna li* ***kien hemm service box go xkora li qed taghti s-supply lil tliet stallel fil-post u stalla ohra vicin taghha. Kienet qed tiehu s-supply mis-service box li ma kienx qieghed jigi registrat bl'ebda' arlogg tal-kumpannija****... s-soltu s-servizz ikun imwahhal mall-hajt,* ***din id-darba s-servizz kien biex ma jidhirx kien qieghed go xkora. Biex ma jidhirx****..... kien hemm remissa ohra biz-zwiemel li qed tiehu minn fuq dan il-post stess."* Ix-xhud ikompli jiddeskrivi il-mod li permezz tieghu kien qed jittiehed dawl mis-supply tal-Enemalta *"****Il-wires kienu ghadejjin mohbijin wara dan il-hajt ikklipjati*** *hawnhekk li jigi ghal gol-farm li kien hemm vicin.*[13] *RB1 hija s-****service box li kienet imdahhla gol-ixkora*** *li kella s-supply minn tal-Enemalta high u* ***kien hemm il-wires li qeghdin jiehdu d-dawl minn go din ir-remissa minn go din is-service box."***[14] Kif jixhed ir-ritratt tas-service box, Dok RB3, mhemmx dubbju li din kienet ilha ma tintmess zmien twil kif jixhed il-hmieg li akkumulat.[15]

In kontro-ezami Giuliano jerga' jikkonferma li meta ghamlu t-tests sabu kurrent hiereg mis-service box *"Is-sinjur kellu t-three phase. Mela three phase jigifieri jkollok int tliet lives u jkollok neutral. Pero' minn dawn it-tliet lives kien hemm wiehed minnhom m'huwiex prezenti. Kien hemm xi hsara fid-dhul mill-arblu sas-service box. ... It-tliet phases ma kienux prezenti t-tlieta.... Ghandna qisha speci ta' biro, tressaqha, kif tara l-kurrent tixghel. Minn hemm tkun l-ewwel indikazzjoni.... Mela l-biro kif tressaqha lejn is-service box bdiet tixghel, jigifieri hemmhekk hemm prezenza ta' kurrent."*[16] Jghid li l-consumer unit tieghu kien regolari u li ghalkemm fuq il-post kien hemm magna tac-cana kif kienet il-connection ma setghetx tintuza peress li hi riedet three-phase

[12] Fol.83-84
[13] Vide ritratt a fol.47
[14] Fol.51
[15] Fol.43
[16] Fol.87

biex tahdem u kien hemm phase nieqes kif inghad. **Dawl kien diehel zgur ghaliex kien hemm tubi fuq il-post li kienu xeghlu ukoll**.[17]

Jispjega li fl-istalla l-ohra li dakinhar tal-ispezzjoni kellha meter - u li ghalhekk ma gie rappurtat ebda irregolarita` - *kien hemm wajer ghaddej minn taht l-art. Jigifieri xi hadd haffer il-konkos tat-triq, qasam bil-wajer u mar u go stalla ohra. Li kien qed jindika, li kien hemm xi zmien illi minn din l-istalla kien qed jittiehed dawl ghal go stalla ohra minhabba li l-wajer il-plakka fejn jiplakkjaw l-affarijiet, kienet in-naha l-ohra. Jigifieri d-dawl kien sejjer minn din l-istalla ghal go l-istalla l-ohra."*[18] Ix-xhud ikompli jippreciza li *"dan is-servizz li huwa llegali biex insejhulu llegali, minghajr arlogg kien ilu hafna hemmhekk. Jigifieri qeghdin nghidu ammont ta' snin. L-ammont ta' hmieg fejn il-clips li kienu ghaddejjin minn go l-ghalqa tant kienu ilhom hemm li therrew u bdew jaqghu....L-arlogg, dak is-servizz li kien illegali, kien ilu snin hemmhekk. Jista' jaghti l-kaz illi l-arlogg tal-Enemalta li huwa ufficjalment tajjeb fl-istalla l-ohra, wehel iktar tard. Ma nistax nghid li prezenti kienu qeghdin jiehdu d-dawl mill-istalla fejn kien hemm is-sistema llegali. Biex inkun fair. Dik inhar, biex inkun fair lejn il-klijent, dik inhar ahna ma sibna l-ebda evidenza li dik il-plakka li kien hemm fit-tieqa qeghdin jiehdu d-dawl minnha. ... Irregolarita' kienu fit-tnejn. Ahna ma jistax ikollok supply go kamra, u taghti ghal go kamra ohra."*[19]

Illi **John Vella**, surveyors coordinator mal-Enemalta Meter Section, ukoll xehed kif *"Sibna zewg wires li huma bhal tal-Enemalta **identici bhas-service cables tal-Enemalta**, li kienu single phase pero peress li kienu tnejn f'daqqa fis-sistema kien hemm three phase, u fil-kamra kien hemm qisu xkora qed tghatti s-service box normali qisa, u fejn suppost hemm meter m'hemmx meter u qed jiehu bid-dirett*[20]*..... [RB1] huwa s-service box li suppost hemm meter fuqha imma m'hemmx li kienet gol-istalla."*[21] Ritratt li juri kif kienet mistura s-service box fl-ixkora hu dak a fol.109.

Fir-rapport tal-ufficjali tal-Enemalta, li lkoll ghamlu riferenza ghalih fix-xhieda minn taghhom, jissemma dak li anke ammetta dwaru l-imputat fl-istqarrija u cioe` li hu kien qed jissuplixxi dawl ghal remissa ohra fil-vicinanzi: *"Waqt surprise inspection sibna li kien hemm zewg 2 x 10 mm$^2$ PVC wires konnetjati ma over head lines li kien qed jintuzaw bhala supply ta' 3 Phase*

[17] Fol.88
[18] Fol.89
[19] Fol.91-92
[20] Fol.55
[21] Fol.57

*& Neutral. Dawn sibnihom konnetjati ma 3 phase s/box ma njama go xkora f'remissa bi tlett stallel ta' zwiemel. Minn l-istess supply kien qed jissuplixxi remissa ohra go blokka remissi faccata ta' l-ewwel remissa."*[22]

In kontro-ezami Vella jispjega kif fuq il-post kien ra sistema imqabbda mal-linji tal-Enemalta[23] u din il-connection kienet ta' certu tul peress li kienet it-tul tal-isqaq kollu fejn jinsabu l-istallel tal-imputat u filwaqt li jirreferi ghar-ritratt a fol.42 jghid *"Dan it-tul kollu kien hemm wire kklipjat u kien diehel dan li qed nghidulu t-three phase".*[24] Ix-xhud isostni li l-kaxxa misjuba kienet three phase ghax il-wires bojod mqabbdin mal-linji tal-Enemalta kienu mdahhlin fil-kaxxa doppji,[25] *"l-hrug minnhom ukoll huwa threephase ghax hemm erba' (4) wires hiergin".* Mistoqsi sa fejn kien jasal il-kurrent mehud mill-linji tal-Enemalta jghid li *"**Sa dik il-kaxxa** **[a fol.109]** **kienet mixghula**. Issa li jista jkun ilhrug mill-kaxxa, jista jkun hemm xi fuse maqlugh. Imma dan tista taqilghu u tpoggieh u taghmel li joghgbok ghax dan qiegehd fuq gewwa. Imma **sal-kaxxa, dik il-kaxxa s-sewda, kurrent kien hemm. Kien hemm it-three-phase**[26]**.... jiena li kkonfermajt li sar-remissa, kien hemm id-dawl**."*[27]

Tenut kont li l-magna tac-cana li kien hemm kienet tirrikjedi sistema three-phase, ix-xhieda ta' Vella tassumi rilevanza kbira hekk kif turi li fil-fatt l-hrug mill-kaxxa li nstabet mohbija gol-ixkora kien ta' three-phase!

Illi xehed **Alan Chetcuti** li spjega li l-Enemalta taghmel il-kalkoli taghha fuq medda ta' hames snin. F'dan il-kaz kien gie kalkolat li l-imputat kien qed juza 9 units kuljum abbazi tal-appliances li hu kellu dakinhar tal-ispezzjoni.[28] Bhala konsum mhux registrat gie stmat l-ammont ta' €2,710.55 filwaqt li €140 kienu dovuti bhala disconnection fee.[29]

Ix-xhud ikompli *"Kien hemm ukoll indikazzjoni li fil-passat xi remissa ohra faccata jew fl-akkwati ta' din ir-remissa kienet qed tiehu d-dawl minn din l-istess connection, sabu l-wires pero dakinhar tal-ispezzjoni ma kienx hemm dawl fuqha,*

[22] Fol.35 tergo
[23] Fol.101
[24] Fol.103
[25] Fol.105
[26] Fol.107
[27] Fol.108
[28] Fol.67
[29] Dok. AC a fol.72

*s-sitwazzjoni ta' dik ir-remissa kienet regolarizzata permezz ta' meter."*[30] Ghalhekk l-imputat ried iqarraq meta fl-istqarrija iffoka ghal kollox fuq din il-connection (bejn remissa u ohra) u skarta il-fatt li kien qed jittiehed dawl mis-supply tal-Enemalta ghal go service box meta hu ma kellux meter registrat fuqu.

Illi l-imputat **Joseph Bartolo** xehed li fix-xitwa jiehu dawl minn stalla fejn ghandhu meter permezz ta' extension ghal stallel ohra.[31] Spjega kif kien kera l-istalla lil persuna ohra li skond hu kien applika ghal meter izda ma gabux u ftit wara ma kompliex bil-kirja.[32] Dan kien informah li ghaddielu d-dawl l-electrician tieghu imma kien jonqsu l-arlogg! **Bartolo jammetti li fejn instabet l-irregolarita` kellu dawl** izda jghid li dan kien gej minn extension tieghu;[33] *"Jiena minn dak il-kurrent li kien diehel, ma hadtx dawl, ma kienx hemm dawl, u l-kurrent li hadt minnu jien, l-extendion mid-dawl tieghi stess."*[34] Ghalkemm l-imputat esebixxa bosta ritratti dawn ittiehdu fil-mori tal-proceduri anzi mir-rapprezentant legali prezenti tieghu u ghalhekk ferm wara li nbdew dawn il-prceduri. Mhemmx dubbju li dawn l-istess ritratti ma jservu bl-ebda mod sabiex jimmilitaw favur id-difiza li jittenta jaghmel l-imputat.[35]

In kontro-ezami jikkonferma li l-propjeta` fejn instabet l-irregolarita` hi tieghu u li fiha ma kienx hemm arlogg izda applikazzjoni biss.[36] Jixhed li din il-kirja saret xi hames jew sitt snin ilu u li kien juza dak il-post biex jitfa fiha z-zwiemel *"Jien naf li hemm il-fuse box, imma kurrent ma kienx hemm u d-dawl tellaghjtu mill-arlogg l-iehor. Minn tieghi....u kurrent ma kienx hemm".*[37]

Il-verzjoni tal-imputat hi nieqsa minn koerenza u kuntrarjata mhux biss mill-ufficjali tal-Enemalta izda anke minn ritratti mehuda dakinhar tal-ispezzjoni minnhom stess li jikkoroboraw il-konstatazzjonijiet taghhom. Il-Qorti ma tista' tattribwixxi ebda kredibbilita` lill-imputat li jipprova jaghti l-impressjoni li r-remissa fejn kien qed issehh is-serq ta' elettriku kienet

[30] Fol.69
[31] Fol.112
[32] Fol.116
[33] Fol.119
[34] Fol.120
[35] Fol.121
[36] Fol.124
[37] Fol.126

qed tiehu dawl minn extension mqabbda ma remissa ohra li kien fiha meter tad-dawl.

**Illi l-ufficjali mill-Enemalta spjegaw li kieku kien hekk il-kaz il-plakka u s-socket kienu jkunu fir-remissi opposti**. L-istess ufficjali ddikjaraw minghajr tlaqliq li l-linji tal-Enemalta kienu mqabbdin permezz ta' cables mohbijin u mghoddijin wara hajt li kienu jwasslu ghal go service box li nstabet go xkora mohbija. Minn din is-service box kien hiereg kurrent u dak il-kurrent kien qed jissuplixxi *inter alia* tubi; kien minn dan id-dawl li kienu qed jinxteghlu it-tubi li anke l-imputat jammetti li kien juza[38]. Kienet sistema three-phase hekk kif kien mehtieg sabiex jithaddem il-makkinarju li kien hemm f'dik l-istess remissa.

Illi **Fabian Grima** xehed li hu kien kera r-remissa minghand l-imputat u li dawl fiha ma kienx hemm u li kien rritorna r-remissa fl-istat li kienet inghatat lilu, *"Iva ehe tajthielu kif kienet normali"*.[39] Dan jikkontradixxi lill-imputat meta jghid li kien il-kerrej li kien gab id-dawl fir-remissa permezz tal-electrician tieghu izda li kien baqa' bla arlogg!

Illi l-abbli difiza argumentat li galadarba ma kien hemm mahtura ebda esperti sabiex jikkonstataw li sehh serq ta' dawl, din il-Qorti ma tistax ragonevolment tasal biex issib htija dwar din l-akkuza ta' serq ta' elettriku.

Bid-dovut rispett il-Qorti ma taqbilx ma din is-sottomissjoni. Hawn ma kien mehtieg l-ebda perit ta' ħila fl-arti jew fis-sengħa bhal ma jkun mehtieg meta jkun hemm allegazzjoni ta' *meter tampering*. Dan kien serq gej minn tniffid illeġittimu mal-linji tal-Enemalta li permezz tieghu current elettriku twassal sal-fond tal-imputat u kienu dawn il-konstatazzjonijiet ta' fatt li wasslu ghalihom u xehdu dwarhom l-ufficjali tal-Enemalta.

Issir riferenza ghas-sentenzi **Il-Pulizija vs Allen Debono** u **Il-Pulizija vs Alessandro Debono:**[40]

---

[38] Fol.119: *"Mhux kollha kienu jixghelu ghax tubu wiehed, meta nigi biex nuza r-remissa, sakemm nohrog u nidhol."*

[39] Fol.145-146

[40] **Qorti tal-Appell Kriminali, per Onor. Imhallef Dr Edwina Grima, Decizi 26.01.2017, Appell Nru 218/2015 u 219/2015.**

Issa huwa minnu illi l-artikolu 650 tal-Kap.9, iccitat mill-Ewwel Qorti huwa deroga ghar-regola generali dwar l-ammissibilita ta' xhieda minn esperti *ex parte* li jitkellem dwaru l-artikolu 563A tal-Kapitolu 12 rez applikabbli ghad-dritt procedurali penali permezz ta'l-artikolu 520(1)(d) tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex ghalkemm fid-dritt procedurali l-emenda introdotta bl-Att XXIV tal-1995, l-opinjoni ta' espert *ex parte* giet reza ammissibbili u dan diment illi l-qorti tivverifika illi tali xhud ikollu il-kwalifiki mehtiega, tali regola ma sabitx applikazzjoni fil-kamp penali u dan meta l-artikolu 650 jiddisponi espressament, kif gustament irrilevat l-Ewwel Qorti, illi:

**"Fil-każijiet kollha li fihom għall-eżami ta' persuna jew ta' ħaġa tkun tinħtieġ ħila jew sengħa speċjali, għandha tiġi ordnata perizja."**

L-Avukat Generali ma jiddibattiex dan il-punt ta' dritt, izda jishaq illi f'dik il-parti tar-rapport u xhieda ta'l-espert fejn hija kienet qed taghti rendikont ta' fatti li sehhew tali prova kienet wahda ammissibbli u ma kellhiex tigi skartata.

*"Illi huwa principju ormai accettat li sakemm l-inkarigu espletat minn tali espert ikun biss kwistjoni ta` kostatazzjoni ta` stat ta` fatt, ir-rapport taghhom f'dak is-sens huwa ammissibbli, bhala prova valida. Huma l-opinjonijiet u l-konkluzjonijiet komparattivi taghhom li m'ghandhomx valur probatorju. Galadarba l-posizzjoni hija li rapport ta` dawn l-esperti, li jikkontjenu opinjonijiet u rizultanzi ta` xi ezamijiet minnhom mahgmula, huma nulli u bla ebda effett probabtorju, taghmel sens li Qorti, anke minn jeddha, minkejja li ma jkunx hemm oggezzjoni ghal dawn l-esperti mid-difiza, tiddecidi billi tiskarta ghal kollox tali opinjonijiet u rapporti." – Il-Pulizija vs Nazzareno Zarb u Melcior Spiteri deciza App.Inf 16/12/1998…..*

Mhemmx dubbju li mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-imputat kien ghamel kull sforz biex jahbi dan l-ghemil qarrieqi tieghu:
a). kien icclipja l-cables;
b). cables simili ghal dawk uzati mill-Enemalta, li kienu qed jiehdu d-dawl direttament mis-supply tal-Enemalta;
c). man-naha ta' wara ta' hajt – dan il-fatt innisfu li gew clipped juri li kien qed jippjana li dan il-konsum illegali kien ser jippersisti ghal tul a' zmien; u kien hebba is-service box go xkora;
d). is-sistema kienet three-phase hekk kif mehtieg biex ihaddem il-magna tac-cana li nstabet fil-post!;
e). kien konxxju li lil min kera r-remissa kellu d-dawl mghoddi mill-electrician tieghu;
f). ma kienx hemm meter izda applikazzjoni biss; u
g).s-service box kienet ilha snin fil-post tant li l-clips kienu tmermru.[41]

[41] Fol.91, Xhieda Giuliano: *"dan is-servizz li huwa llegali biex insejhulu llegali, minghajr arlogg kien ilu hafna hemmhekk. Jigifieri qeghdin nghidu ammont ta' snin. L-ammont ta' hmieg fejn il-clips li kienu ghaddejjin minn go l-ghalqa tant kienu ilhom hemm li therrew u bdew jaqghu....L-arlogg, dak is-servizz li kien illegali, kien ilu snin hemmhekk.*

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saviour Tabone** gie deciz:[42]

Fl-artikolu 264(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad testwalment:

"Fil-kaz ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew tal-fili jew gumi fis-servizz pubbliku, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista' jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan l-ilma, gass jew kurrent ta' l-elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker fil-meter tal-kwantita mehudha jew kunsmata jitqies sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha il-fond fejn ikunu jinsabu l-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku skond ma jkun il-kaz."

Illi dina hija presunzjoni li giet deskritta f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali f'sentenza moghtija fis-16 ta' Lulju 1990 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Abela**, bhala "presunzjoni feroci" u kompliet tghid: "La l-presunzjoni hija daqstant feroci l-Qorti tifhem li biex tapplikaha il-mezzi qarrieqa jridu jirrizultaw konkluzivament u mhux semplicement b'mod illi joholqu suspett … il-mezzi qarrieqa jridu jkunu jistghu jwasslu ghal dak l-effett li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew il-markar."

Issa l-fatt illi is-sigill ta' fuq kien miksur sabiex ghalhekk l-cover tal-meter tad-dawl seta' jinqala facilment kif ukoll il-fatt li kien hemm it-trab fuq gewwa tal-meter tad-dawl ma jwassalx necessarjament ghal konkluzjoni illi kien hemm serq tal-kurrent tal-elettriku. Jista' jkun hemm suspett illi dana seta' sehh minhabba l-fatti indikati mill-espert, izda minn imkien mill-provi ma jirrizulta illi verament dana kien il-kaz……

Illi kif ikkonkludiet il-Qorti fis-sentenza hawn fuq iccitata **"din il-Qorti qatt ma wasslet biex tikkundanna lil xi hadd semplicement fuq suspett."** Illi ghalkemm jista' ikun hemm suspett f'dana l-kaz, madanakollu dina l-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni lil hinn minn dubbju dettat mir-raguni illi fil-fatt l-imputat huwa hati tal-akkuza migjuba kontrieh. [emfazi tal-Qorti]

Illi maghdud dan kollu altru li l-akkuzi gew pruvati lil hinn minn dubbju dettat mir-raguni izda jibqa' l-fatt li l-kwalifika tal-valur ma gietx ippruvata sal-istess grad ta' prova kif rikjesta mill-ligi.

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi ssir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ronald Bruno**:[43]

Din il-Qorti, pero`, tosserva li hawn si tratta ta' periodu ta' aktar minn erba' snin –minn wara Novembru 1989 sat-13 ta' April, 1994. Fil-fehma ta' din il-Qorti, biex issir il-prova, sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, a bazi tar-*record of consumption* **li kien hemm (mhux semplicement li probabbli li kien hemm)** serq ta' kurrent elettriku fil-periodu inkriminat, **kellha tingieb prova tal-*load* ta' l-apparat elettriku f'dak il-**

---

[42] Hon. Magistrate Dr Dr Edwina Grima; Dec. 18.03.2010. Vide also a judgement by the same Court as presided, **Il-Pulizija vs Peter Bugeja**, Dec. 13 ta' Jannar 2011 and **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri et** Dec. 20.06.2013.

[43] Appell Nru 129/00; Deciz 31 ta' Mejju, 2000, per Onor. Imhallef Dr Vincent Degaetano

**periodu**. Jidher li l-pulizija ma ghamlux l-icken sforz ta' investigazzjoni f'dana r-rigward. Lill-ahwa Mifsud ma staqsewhomx x'apparat elettriku u x'dawl kien hemm fil-fond qabel ma huma hadu l-hanut f'idejhom; l-appellant ma giex interrogat mill-pulizija bil-hsieb li jigi stabbilit dana l-punt; u meta l-appellant xehed quddiem il-Qorti Inferjuri ma sarx l-icken tentattiv sabiex in kontro-ezami jigi b'xi mod stabbilit x'apparat elettriku u/jew x'sistema ta' dawl kellu fil-periodu inkriminat fil-fond in kwistjoni. Huwa veru li s-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 264 tal-Kodici Kriminali johloq presunzjoni li tisposta l-oneru tal-prova ta' fatt partikolari – cioe` il-fatt jekk l-akkuzat kienx jaf bl-uzu jew konsum illegali ta' ilma, gass jew kurrent elettriku – fuq l-istess akkuzat.

**Jekk l-akkuzat ikun jaf, jew hu presunt li kien jaf, b'dak il-konsum illegali allura r-reat ta' serq ikun imputabbli lilu**. Pero` hija dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova li fil-fatt kien hemm uzu jew konsum illegali, cioe` serq, tal-ilma, gass jew elettriku. In fatti jista' jkollok sitwazzjoni fejn ikun hemm il-ksur jew mezzi qarrieqa imsemmija fl-Artikolu 264(2) minghajr ma effettivament ikollok serq ta' ilma, gass jew elettriku. Fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad li kien hemm prova sodisfacenti, cioe` sal-grad li trid il-ligi fil-kamp penali, ta' tali serq fil-periodu inkriminat. [emfazi u sottolinejar tal-Qorti]

Ghalhekk fil-kamp penali hu d-dover tal-prosekuzzjoni li tipprova l-akkuza sa l-inqas dettal u ma jispettax lill-akkuzat jipprova hu li kien ilu anqas minn hames snin jisraq id-dawl jew li jipprova x'appliances kellhu tul il-medda taz-zmien li gie akkuzat li fih wettaq is-serq imputat lilu; anke jekk jidher li s-service box in kwistjoni kienet ilha snin fl-istess post! Galadarba l-Pulizija ghazlet li tohrog akkuzi fuq serq, kien fid-dmir taghha li taghmel id-debita prova dwar l-ammont tas-serq hekk addebitat lill-akkuzat.

Illi ma tista qatt tinstab htija fuq akkuzi bbazati semplicement fuq stima; stima arbitrarja mahduma fuq perjodu daqstant iehor arbitrarju ta' hames snin, fejn jigi skartat ghall-kollox il-principju baziku legali li *"onus probandi incumbit qui osservit"*.[44]

Illi sakemm il-ligi ma tkunx tipprovdi ghall-*praesumptio juris tantum* simili ghal dik fl-artikolu 264(2) tal-Kodici Kriminali, li twassal ghal kif ghandu jigi komputat konsum mhux registrat, jibqa' jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha sa dak il-grad ta' prova rikjest fil-kamp penali.

Illi dwar l-addebitu tar-recidiva l-prosekuzzjoni esebiet diversi sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat minn fejn jirrizultaw l-istess konnotati.

---

[44] **Manzini**, Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:- *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Illi huma biss is-sentenzi tat-2 ta' Gunju, 2010[45] u dik tat-13 t'Ottubru, 2011[46] li servew sabiex giet ppruvata ir-recidiva tal-imputat ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

Illi ghall-finijiet ta' piena t-tieni akkuza hi assorbita fl-ewwel akkuza.

Illi in kwantu ghal-piena l-Qorti hadet konsiderazzjoni tan-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, ic-cirkostanzi tal-kaz u tal-fedina penali tieghu minn fejn jirrizulta li l-imputat ta' spiss xellef dufrejgh mal-gustizzja u minflok ma uza opportunitajiet biex jirriforma ssokta bil-hajja refrattarja tieghu. Il-fatt li l-imputat hu avvanzat fiz-zmien ma ghandu bl-ebda mod jikkontribwixxi ghal xi mitigazzjoni fil-piena, anzi l-eta` tieghu kellha sservi sabiex ikollu aktar responsabbilita` f'ghemilu. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis li ghandha tinghata piena karcerarja.

Ghal dawn il-mottivi wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 18, 20, 31, 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 278(3), 279(a), 280(2), 281(c) u 326(1)(c) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal sentejn prigunerija.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati ihallas lill-parte leza s-somma ta' €140 rapprezentanti kumpens u danni sofferti mill-parte leza.[47]

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**

---

[45] Dok. SM

[46] Dok. SM2 u mill-fedina penali jirrizulta li l-multa giet mhallsa. Dan qed jinghad in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Jason Galea,** per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima, deciza 31.05.2017: *Illi madanakollu din il-Qorti tqies illi l-appellanti qatt ma seta jigi misjub hati ta'l-akkuza tar-recidiva fit-termini ta'l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi fis-sentenza li issir referenza ghaliha bhala prova tal-addebitu ta' recidiva u cioe' dik tat-22 ta' Jannar 2010, kienet giet imposta piena pekunjarja konsistenti f'multa, liema multa mill-fedina penali esebieta in atti jidher illi thallset fil-05 ta' Lulju 2012, u kwindi ma jistax jinghad illi s-sentenza kienet giet "skontata" fit-termini tal-ligi.*

[47] Dok. AC a fol.72: rapprezentanti disconnection fees ta' €140 inkorsi fil-jum meta saret l-ispezzjoni.